MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 411/2006

Il-Pulizija
(Spt. A. Grech)

Vs
Joslann Brignone

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) nhar is-26 t'Ottubru, 2006, ghall-habta ta' xi s-1.25 p.m., gol-iskola Sekondarja Erin Seraccino Inglott, Bormla, ingurjat, heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' Anabel Bonnici, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkat, jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew hebbet ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-istess Anabel Bonnici, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qeghda tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, w cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Anabel Bonnici, skond ma ccertifika t-tabib Dr. Renzo Degabrielle MD mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalet fil-pubbliku kliem indecenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha w dan bi ksur tal-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet kontra l-persuna ta' Anabel Bonnici sabiex tingurjha, iddejjaqaha jew taghmillha hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbuttat lill-imsemmija Anabel Bonnici sabiex twegghaha jew tinsulentaha, w dan bi ksur tal-Artikolu 339(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni tat-28 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 96(a), 221(1), 338(bb), 338(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellata hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza w ghaldaqstant illiberataha minnhom, izda sabitha hatja tal-akkuzi l-ohra kollha w ordnat li titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellata hatja tal-ahhar hames akkuzi, w tirrevokaha f’dik il-parti fejn illiberatha mill-ewwel zewg akkuzi w minflok issibha hatja wkoll ta’ dawn l-akkuzi w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, ikkonsisti fis-segwenti w cioe’ li -Ewwel Qorti applikat il-ligi hazing ghamlet apprezzament tal-provi hazin meta lliberat lill-appellata mill-ewwel zewg akkuzi, cioe’ l-akkuzi kontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali. Li qabel xejn, ghandu jigi rilevat li r-ragunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha ma humiex maghrufa. Fil-fatt, wara l-kelma ”Ikkunsidrat” l-Ewwel Qorti ghaddiet mill-ewwel ghall-konkluzzjoni finali minghajr l-icken accenn ghall-konsiderazzjonijiet li setghu wassluha ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha. Dawn il-konsiderazzjonijiet ”fantomatici” jirrazentaw in-nullita’ tas-sentenza. Nonostante dan id-dritt ta’ l-appell tal-Avukat Generali huwa radikat mill-kontrosens lampanti li huwa evidenti, nonostante l-parsimonja tal-kliem uzati fis-sentenza appellata. Dan il-kontrosens qieghed fil-fattli fl-istess nifs li l-Ewwel Qorti lliberat lil appellata mill-akkuza kontemplata fl-artikolu 95, sabet htija fl-akkuza kontemplata fl-artikolu 221(1) [recte: 214 u 221(1)] tal-Kodici Kriminali.

Li jirrizulta li l-vittma ta’ dawn ir-reati kienet Anabel Bonnici, li hija TEACHER fl-iskola sekondarja Erin Serracino Inglott ta’ Bormla u ergo hija persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. Ghalhekk ladarba gie pruvat li l-appellata kkagunat offiza ta’ natura hafifa fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel dak is-serviuzz, l-Ewwel Qorti kellha ssib htija fl-offiza akbar kontemplata fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali , bl-assorbiment tar-reat minuri kontemplat fl-artikoli 214 u 221 (1) ta’ l-istess Kodici. Ghall-istess raguni kellha ssib htija taht l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali peress li l-appellata attakkat bi vjolenza lil Anabel Bonnici, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliu, waqt li kienet qed tagixxi fl-ezekuzzjoni tal-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-25 ta'Jannar, 2007, li bih Dr. Arthur Azzopardi ghal-prosekuzzjoni ddikjara li jrid jikkjarafika li l-osservazzjoni li ghamel fir-rikors ta' l-appell dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata ma kienx intiz bhala wiehed mill-aggravji w konsegwentement li b' xi mod ghandu jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w li l-aggravju tal-Avukat Generali jirrigwarda biss in-nuqqas ta' sejbien ta' htija ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet u l-piena konsegwenzjali.

Rat il-verbal ta' l-istess data li bih Dr. Joseph Giglio ghall-appellata ddikjara illi jaderixxi kompletament mal-appell tal-Avukat Generali fis-sens li ghandu jkun hemm riforma fis-sentenza appellata billi s-sentenza tigi revokata in kwantu ma sabitx lill-appellata hatja ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnflok tinsab htija wkoll fuq dawn iz-zewg imputazzjonijiet, b' dana pero' li r-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni jassorbixxi r-reat fl-ewwel, fir-raba , fis-sitt u s-seba' imputazzjoni u li bih talab li jekk stess ikun hemm varjazzjoni fil-piena w tinghata piena karcerarja, din ma tkunx wahda effettiva imma sospiza u tkun akkumpanjata minn ordni ta' probation.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni rrimettiet ruha dwar il-piena stante l-eta' zghira tal-appellata w anki minhabba l-fatt li japplika l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-appellata li biha attirat l-attenzjoni ta' din il-Qorti li fil-kaz tal-appellata, tenut kont tal-eta' taghha, huwa applikabbli l-artikolu 36 u mhux 37 tal-Kap.9.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok u qabel kollox, minkejja li l-Avukat Generali ddikjara li l-paragrafu fir-rikors ta' l-appell li jittratta dwar nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza appellata, m'

ghandux jitqies bhala aggravju intiz biex jikseb in-nullita' tas-sentenza, din il-Qorti thossha xorta wahda fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx *per se* in-nullita' *expressis verbis* ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega *ad validitatem* fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut *ad validitatem* ta' sentenzi f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-

"*Ikkonsidrat"*

*"Ghal dawn il-motivi"* (**<u>bla ma tkun semmiet l-icken motiv wiehed</u>**) issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.

Illi tali stezura, apparti li ma taghmilx sens mil-lat logiku, zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant.

Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta.

Ikkonsidrat;

Fil-mertu hemm qbil li l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa gustifikat w ghalhekk ghandu jigi milqugh. Illi f' dan il-kaz si tratta bla dubju ta' xejn li l-oltraggg u aggressjoni saru fil-konfront ta' <u>teacher impjegata mall-Gvern u impjegata fi skola sekondarja statali.</u> Ghalhekk ma jistax ikun hemm l-icken dubju li sar fil-konfront ta' ufficjal pubbliku fil-waqt li kienet qed tezercita l-funzjoni taghha.

Illi kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law. [1958 edit.] p. 53) :-

*"the victim in this offence can be any person lawfully charged with a public duty. "*

u ghalkemm **ROBERTI** . para 395 jghid:-

*"La legge mira a garantire solamemte quel servizio che si deve direttamente per volere della legge o dei regolamenti di pubblica amministrazione, ance perche' qualunque altro non influisce da vicino pel mantenimento dell' ordine pubblico, e capace in consequenza non puo' divenire perche' tali reati da privati quali sarebbero di propria indole, degenerassero in reati contro le pubbliche amministazioni, che soli formano oggetto delle dispozizioni di questo titolo."*

f' dan il-kaz ta' teacher li qed taqdi l-funzjoni taghha fi skola statali, fil-fehma ta' din il-Qorti tali funzjoni hija certament koperta bid-dispozizzjonijiet tal-ligi li johorgu mill-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), li jirrendu l-edukazzjoni bhala funzjoni ewlenija tal-istat Malti.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti, una volta li sabet htija fl-appellata li kkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha w cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' teacher fi skola sekondarja tal-gvern, kif ukoll talli hebbet u imbottat lill-istess teacher, fil-waqt li din kienet qed taqdi l-funzjoni taghha, kien logikament u legalment isegwi li kellha ssibha hatja ukoll tar-reati ta' ingurji, theddid u offizi fuq il-persuna kif ukoll ta' attakk u rezistenza fuq persuna inkarikata minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz u waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi.
Konsegwentement, apparti l-qbil tal-istess difiza, din il-Qorti tara li l-aggravju tal-Avukat Generali hu gustifikat u ghalhekk qed jigi milqugh.

Ikkonsidrat;

Illi r-reati li allura issa ser tinstab hatja taghhom l-appellata huma dak ta' attakk u rezistenza kontemplat fl-artikolu 96, li jaqa' taht it-tieni imputazzjoni w li jipprovdi ghall-piena ta' prigunerija minn erba xhur sa sena. Dar reat jassorbixxi fih, ghall-fini ta' piena r-reati kontemplati taht l-ewwel, it-tielet, ir-raba, s-sitt u s-seba imputazzjoni , peress li skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali dawn kollha servew bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat aktar gravi kontemplat fl-artikolu 96. Tista ukoll tigi punita b' piena li tvarja minn ammenda ta' hames liri maltin u prigunerija ghal zmien tlitt xhur ghall-kontravvenzjoni ta' kliem oxxen u dagha li taqa' taht il-hames imputazzjoni, skond l-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk kieku l-appellata kienet ta' eta' l-fuq minn tmintax il-sena, setghet tkun passibbli ghall-piena massima ta' sena u xahar u nofs prigunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali.

F' dal–kaz pero', mill-att tat-twelid tal-appellata esebit a fol. 3 tal-process, jirizulta li hija twieldet fis-26 ta' Settembru, 1993 u ghalhekk fid-data tal-kommissjoni tar-reati kellha biss tlittax (13) il-sena maghluqa. Issa skond l-artikolu 36 tal-Kodici Kriminali, l-minuri ta' taht l-erbatax il-sena izda 'l fuq minn disa' snin, ghal reat li jaghmlu bil-

hazen , jehlu meta jinstabu hatjin biss il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. Issa l-oghola piena stabbilita ghall-kontravvenzjoinijiet bl-artikoli 7 u 12(2) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' detenzjoni ghal zmien xaharejn. Illi huwa minnu li skond il-proviso ghall-artikolu 36, meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tieghu, l-gravita' tal-fatt u l-grad tal-hazen muri mill-hati, kif ikun jidher mill-ghemil tieghu w cioe' c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet ma jkunux dawk xierqa, l-Qorti tista' tikkudanna lil dik il-persuna ghall-piena stabbilita ghar-reati minnha kommessi imnaqqsa bi tlitt gradi, pero', f' dan il-kaz, konsidrata l-eta' tenera tal-appellata w l-fatt li hija *first time offender* , tara li mhux il-kaz li jigi applikat dal-proviso.

Illi lanqas ma jidher applikabbli l-artikolu 28A tal-Kap. 9 li jaghmilha possibbli li l-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija sospiza w dan ghaliex dak l-artikolu jitkellem biss fuq sentenza ta' prigunerija w mhux ukoll sentenza ta' detenzjoni, liema pieni mhumiex l-istess skond il-ligi w jgibu konsegwenzi differenti.

Ghalhekk din il-Qorti tara li f' dan il-kaz - anki fl-interess tar-riforma, r-ri-jabilitazzjoni w ri-edukazzjoni ta' din il-minuri li ghad ghandha biss tlittax il-sena - li l-aktar provvediment sagg u indikat ikun dak ta' probation order pero' fl-itwal terminu possibbli skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellata hatja tat-tielet, tar-raba' tal-hames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjonijiet u tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellata mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni u fejn ordnat li titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, w minnflok issibha wkoll hatja ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, b' dana pero' li r-reati taht l-ewwel, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjoni huma assorbiti fir-reat ta' attakk u rezistenza taht it-tieni imputazzjoni kif fuq intqal u, fic-cirkostanzi, ladarba hija prekluza milli tapplika l-provvedimenti tas-sentenza sospiza kontemplati

fl-art. 28A tal-Kodici Krimnali, tordna li l-appellata titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin u bil-kondizzjonijiet kollha imposti fl-imsemmi ordni w dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------